IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.6.2020
COM(2020) 272 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

RAPPORT ANNWALI 2019
DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI TAS-SUSSIDJARJETÀ U TAL-PROPORZJONALITÀ U DWAR IR-RELAZZJONIJIET MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI

MT MT

RAPPORT ANNWALI 2019
DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI TAS-SUSSIDJARJETÀ U TAL-PROPORZJONALITÀ U DWAR IR-RELAZZJONIJIET MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI

1. Introduzzjoni

Dan huwa s-27 rapport dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, ippreżentat skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Bħas-26 rapport, dan ir-rapport ikopri wkoll ir-relazzjonijiet tal-Kummissjoni mal-Parlamenti nazzjonali, li għandhom rwol ewlieni fl-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

Fl-2019, il-Kummissjoni ħadet għadd ta' passi biex issegwi r-rakkomandazzjonijiet li saru mit-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u dwar li "Isir inqas b'mod aktar effiċjenti". L-2019 kienet sena ta' tranżizzjoni bejn żewġ mandati tal-Kummissjoni, b'inqas inizjattivi u proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni milli fis-snin preċedenti. Konsegwentement, il-volum ta' ħidma għall-Parlamenti nazzjonali fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà u ta' djalogu politiku mal-Kummissjoni naqsu temporanjament. Il-Kummissjoni rċeviet 159 opinjoni, li l-ebda waħda minnhom ma kienet opinjoni motivata. F'żewġ sentenzi mogħtija fl-2019, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ċċarat l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità.

2. L-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità mill-istituzzjonijiet

2.1. Il-Kummissjoni

Segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u "Isir inqas b'mod aktar effiċjenti"

Fl-2019, il-Kummissjoni bdiet timplimenta l-miżuri li kienet ħabbret fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Ottubru 2018 bit-titolu "Il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità: it-tisħiħ tar-rwol tagħhom fit-tfassil tal-politika tal-UE"[1] biex issegwi r-rakkomandazzjonijiet li saru mit-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u dwar li "Isir inqas b'mod aktar effiċjenti"[2].

Fis-7 ta' Marzu 2019, f'ittra lill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-President Juncker ippropona li l-perjodu bejn l-20 ta' Diċembru u l-10 ta' Jannar jiġi eskluż meta jiġi stabbilit il-perjodu ta' tmien ġimgħat għall-Parlamenti nazzjonali biex jibagħtu l-opinjonijiet motivati u biex dan il-pass jiġi implimentat minn Diċembru 2019. Il-Parlament Ewropew, fis-27 ta' Mejju 2019, u l-Kunsill, fl-4 ta' Lulju 2019, ikkonfermaw li ħadu nota ta' dan l-

[1] COM(2018) 703 final, 23.10. 2018. Din il-komunikazzjoni kienet deskritta fit-taqsima 2.1 tar-Rapport Annwali tal-2018 (https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/annual-report-subsidiarity-proportionality-and-relations-with-national-parliaments_en_0.pdf). Hija tat bidu wkoll għal diversi opinjonijiet mill-Parlamenti nazzjonali, li huma eżaminati fit-taqsima 4 hawn taħt.

[2] Għal aktar tagħrif dwar il-ħidma ta' din it-Task Force, ara t-taqsima 2.1 tar-Rapport Annwali 2018, u https://ec.europa.eu/commission/priorities/democratic-change/better-regulation/task-force-subsidiarity-proportionality-and-doing-less-more-efficiently_mt

arranġament[3]. Sussegwentement, il-Kummissjoni implimentat l-arranġament għall-ewwel darba matul il-perjodu tal-btajjel tal-Milied/tas-Sena l-Ġdida fl-2019-2020.

Il-Kummissjoni lestiet ukoll it-tħejjijiet tagħha biex tipproduċi tweġibiet aggregati għall-opinjonijiet motivati maħruġa mill-Parlamenti nazzjonali li jirrappreżentaw seba' voti jew aktar taħt il-mekkaniżmu ta' skrutinju tas-sussidjarjetà dwar proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni meta n-numru ma jilħaqx il-limitu meħtieġ biex tiskatta "karta safra". Madankollu, hija ma rċeviet l-ebda opinjoni motivata fl-2019[4].

Il-Kummissjoni wettqet azzjoni ta' segwitu oħra bħala parti mill-ħidma tagħha dwar regolamentazzjoni aħjar u rendikont (ara hawn taħt).

Aġenda ta' regolamentazzjoni aħjar u rendikont

Fl-2019, il-Kummissjoni kompliet tapplika l-aġenda msaħħa tagħha ta' regolamentazzjoni aħjar u kompliet ukoll tintegra l-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità fl-istadji kollha tat-tfassil tal-politika. Il-portal tal-web "Semma' Leħnek"[5] wera li huwa punt ta' aċċess uniku utli għaċ-ċittadini u għall-partijiet interessati biex jipparteċipaw fit-tħejjija tal-politika tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni kompliet tevalwa wkoll il-liġijiet u l-oqfsa ta' politika eżistenti qabel ma ressqet proposti għar-reviżjoni tagħhom. Dawn l-evalwazzjonijiet jinkludu valutazzjonijiet ta' jekk il-miżuri ta' politika eżistenti għadhomx "adattati għall-iskop tagħhom" jew għandhomx, fid-dawl tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, jiġu rtirati jew riveduti.

Il-Pjattaforma dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT)[6] ipprovdiet modi għall-pubbliku u għall-partijiet interessati biex jikkomunikaw mal-Kummissjoni dwar piżijiet eċċessivi jew ineffiċjenzi possibbli fil-miżuri regolatorji eżistenti. Fl-2019, il-Pjattaforma REFIT ħarġet 16-il opinjoni b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar kif tissimplifika u tnaqqas il-piż regolatorju tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE[7]. Il-Kummissjoni qed tirrispondi għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma tagħha, li jinkludu inizjattivi REFIT. Il-mandat tal-pjattaforma REFIT intemm fl-2019 u se jiġi sostitwit minn pjattaforma ġdida fl-2020. Minn mindu twaqqfet fl-2015, il-pjattaforma REFIT ħarġet 105 rakkomandazzjonijiet.

F'April 2019, il-Kummissjoni ffinalizzat il-ħidma tagħha biex tevalwa l-politika tagħha ta' regolamentazzjoni aħjar. Din kienet tinvolvi konsultazzjoni fil-fond mal-partijiet interessati, ma' istituzzjonijiet u korpi oħrajn tal-UE u mal-pubbliku. Is-sejbiet tagħha nġabru fil-qosor fil-komunikazzjoni "Regolamentazzjoni aħjar: rendikont u sostenn tal-impenn tagħna" u f'dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament[8]. L-ewwel Viċi President Timmermans

[3] Dwar it-tweġiba tal-Kunsill, ara wkoll it-taqsima 2.3 hawn taħt.

[4] Ara t-Taqsima 3 hawn taħt.

[5] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say_mt

[6] Aktar informazzjoni dwar il-kontrolli tal-idoneità fuq is-sit web tal-pjattaforma REFIT: https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/evaluating-and-improving-existing-laws/refit-making-eu-law-simpler-and-less-costly/refit-platform/refit-platform-work-progress_mt

[7] http://ec.europa.eu/smart-regulation/refit/simplification/consultation/contributions_mt.htm

[8] COM(2019) 178 final u SWD(2019) 156 final, 15.4.2019.

ippreżenta u ddiskuta dawn is-sejbiet mal-partijiet interessati f'konferenza li saret fid-29 ta' April[9].

Il-konklużjonijiet li ġejjin huma rilevanti għall-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità:

- Is-suċċessur tal-pjattaforma REFIT għandu jagħmel enfasi akbar fuq il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità u fuq id-densità leġiżlattiva, minbarra l-enfasi attwali fuq is-simplifikazzjoni. Għal dan l-għan, huwa importanti li jitwessa' l-għarfien espert tal-Bord u li jiżdied l-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, li huma responsabbli għall-implimentazzjoni ta' sehem kbir mil-leġiżlazzjoni tal-UE[10].
- Sabiex ittejjeb il-valutazzjoni tagħha tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tinkorpora l-"grilja" komuni proposta mit-Task Force fil-gwida tagħha għal regolamentazzjoni aħjar u tużaha għall-valutazzjoni tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fil-valutazzjonijiet tal-impatt u fil-memoranda ta' spjegazzjoni li jakkumpanjaw il-proposti.

L-analiżi tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità

Il-linji gwida għal regolamentazzjoni aħjar u s-"sett ta' għodod" li jakkumpanjawhom[11] jeħtieġu li l-Kummissjoni twettaq analiżi tas-sussidjarjetà meta tivvaluta r-rilevanza kontinwa u l-valur miżjud Ewropew tal-miżuri eżistenti u meta tikkunsidra inizjattivi ġodda f'oqsma fejn l-UE ma għandhiex kompetenza esklussiva. Il-Kummissjoni twettaq tali analiżi tas-sussidjarjetà kemm għal inizjattivi leġiżlattivi kif ukoll għal dawk mhux leġiżlattivi.

L-iskop ta' din l-analiżi huwa doppju:

1. Li tivvaluta jekk azzjoni fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali tkunx biżżejjed biex jintlaħqu l-objettivi segwiti; u
2. Li tivvaluta jekk azzjoni fil-livell tal-UE tipprovdix valur miżjud meta mqabbla ma' azzjoni fil-livell nazzjonali.

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-UE ma għandhomx jeċċedu dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi segwiti. Ir-rispett tal-prinċipju tal-proporzjonalità jfisser li jiġi żgurat li l-approċċ magħżul u l-intensità tal-azzjoni regolatorja jkunu meħtieġa sabiex jintlaħqu l-objettivi tiegħu. Il-valutazzjonijiet tal-impatt, l-evalwazzjonijiet u l-kontrolli tal-idoneità kollha għandhom iwettqu tali analiżi.

Valutazzjonijiet tal-impatt

Il-Kummissjoni tanalizza l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fil-valutazzjonijiet tal-impatt kollha mħejjija għall-proposti ta' politika. Sabiex tiġi żgurata l-kwalità tagħhom, dawn il-

---

[9] Għal aktar informazzjoni, ara https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/planning-and-proposing-law/better-regulation-why-and-how/better-regulation-taking-stock-and-sustaining-our-commitment_mt

[10] Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka kien involut f'bosta inizjattivi biex tittejjeb il-kwalità tat-tfassil tal-politika lokali u reġjonali, pereżempju, permezz tal-proġett pilota "Ix-Xjenza tiltaqa' mar-Reġjuni", li jippromwovi t-tfassil tal-politika infurmat mill-evidenza madwar l-UE.

[11] https://ec.europa.eu/info/files/better-regulation-toolbox_mt

valutazzjonijiet huma soġġetti għal kontroll indipendenti tal-kwalità mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju[12].

Fl-aħħar sena tal-mandat tagħha, il-Kummissjoni Juncker iffokat il-ħidma tagħha fuq l-iżgurar li l-proposti li kienet diġà għamlet ipproċedew għall-adozzjoni mill-koleġiżlaturi, u hija adottat ftit proposti leġiżlattivi ġodda. Fl-2019, għalhekk, il-Bord ħareġ opinjoni dwar valutazzjoni tal-impatt waħda, li kienet tikkonċerna r-riformulazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija u l-istabbiliment ta' Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni għall-Istitut[13]. Din il-valutazzjoni tal-impatt ikkonkludiet li l-Istitut jipprovdi valur miżjud ċar lill-UE f'termini tal-ekonomiji ta' skala, il-kamp ta' applikazzjoni u l-ħeffa tal-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni, meta mqabbel mal-inizjattivi u s-soluzzjonijiet reġjonali u nazzjonali.

Evalwazzjonijiet u kontrolli tal-idoneità

Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità kienu aspetti essenzjali tal-evalwazzjonijiet u tal-kontrolli tal-idoneità, li jivvalutaw jekk l-azzjoni fil-livell tal-UE tatx ir-riżultati mistennija f'termini ta' effiċjenza, effettività, koerenza, rilevanza u valur miżjud Ewropew. Fl-2019, il-Kummissjoni ffinalizzat madwar 70 evalwazzjoni, inklużi erba' kontrolli tal-idoneità (evalwazzjonijiet ta' oqsma ta' politika usa'), dwar id-direttiva qafas dwar l-ilma u d-direttiva dwar l-għargħar, il-kwalità tal-arja, ir-rapportar superviżorju u r-rapportar pubbliku mill-kumpaniji.

Fl-2019, il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju eżamina 18-il evalwazzjoni u kontroll tal-idoneità ewlenin. Dawn il-valutazzjonijiet koprew ħafna aspetti, li wħud minnhom kienu partikolarment rilevanti f'termini ta' sussidjarjetà u proporzjonalità:

- Evalwazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi[14]

  F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiżguraw li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jaqbdu mas-sistema tal-ġbir tal-ilma mormi, kif xieraq. Madankollu, l-azzjoni fil-livell tal-UE hija meħtieġa ladarba l-baċiri idrografiċi transfruntieri jkopru 60 % tat-territorju tal-UE. Fin-nuqqas ta' Direttiva tal-UE dwar l-ilma mormi, li timponi ritmu simili fuq l-Istati Membri kollha biex jistabbilixxu infrastrutturi għall-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi, kwalunkwe nuqqas ta' azzjoni mill-Istati Membri li jinsabu qabel (upstream) tul xmara transfruntiera jista' jimmina l-azzjoni mwettqa mill-Istati Membri li jinsabu wara (downstream).

- Kontroll tal-Idoneità tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u tad-Direttiva dwar l-Għargħar[15]

[12] Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju huwa magħmul minn President (fil-livell ta' Direttur Ġenerali) u sitt membri full-time, li tlieta minnhom jiġu rreklutati minn barra l-Kummissjoni. Il-membri kollha tal-Bord huma indipendenti u jaħdmu f'kapaċità personali abbażi tal-għarfien espert individwali tagħhom. Il-Bord jirrieżamina l-kwalità tal-valutazzjonijiet tal-impatt, il-kontrolli tal-idoneità u l-evalwazzjonijiet ewlenin. Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità huma parti minn dan il-kontroll tal-kwalità. https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/regulatory-scrutiny-board_mt

[13] SWD(2019)330 finali, 11.7.2019.

[14] SWD(2019)700 final, 13.12. 2019. Evalwazzjoni tad-Direttiva 91/271/KEE dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi.

[15] SWD(2019)439 finali, 10.12.2019. Kontroll tal-idoneità tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, tad-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art, tad-Direttiva dwar l-Istandards tal-Kwalità Ambjentali u tad-Direttiva dwar l-Għargħar.

Iż-żewġ Direttivi ġabu magħhom qafas flessibbli li jippromwovi approċċ integrat għat-trattament tal-pressjoni differenti fuq l-ilma minn oqsma ta' politika differenti. Dan iħalli diskrezzjoni konsiderevoli għall-Istati Membri biex jistabbilixxu objettivi, metodi u miżuri speċifiċi għall-post, filwaqt li jiżguraw l-armonizzazzjoni u kundizzjonijiet ekwi. L-evalwazzjoni sabet żvantaġġ wieħed għal dan l-approċċ, jiġifieri li għal ċerti kwistjonijiet kien hemm varjazzjonijiet konsiderevoli fil-mod kif l-Istati Membri kienu implimentaw id-Direttivi meta kien mixtieq approċċ aktar uniformi. Pereżempju, ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni ċara li jkun hemm standards differenti ħafna għal inkwinanti speċifiċi għall-baċiri idrografiċi fl-Istati Membri li jikkondividu l-istess baċir idrografiku. Dawn il-varjazzjonijiet jistgħu f'xi każijiet ikunu dovuti għal differenzi lokali, iżda f'ħafna każijiet jistgħu jiġu spjegati biss minn fatturi oħrajn, bħar-rieda politika (dwar l-irkupru tal-kosijiet), ir-reżistenza għall-bidla, jew in-nuqqas ta' kapaċità teknika (dwar il-monitoraġġ).

2.2. Il-Parlament Ewropew

Fl-2019, il-Parlament Ewropew irċieva formalment 62 sottomissjoni mingħand Parlamenti nazzjonali skont il-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità[16]. L-ebda waħda minn dawn is-sottomissjonijiet ma kienet opinjoni motivata fis-sens tal-Protokoll, u l-ebda waħda ma qajmet kwistjonijiet relatati mal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Meta mqabbel, fl-2018, il-Parlament Ewropew irċieva formalment 46 opinjoni motivata u 427 sottomissjoni oħra. Dawn iċ-ċifri jindikaw li l-Parlamenti nazzjonali ma jarawx il-mekkaniżmu tal-kontroll tas-sussidjarjetà bħala mod kif jimblukkaw il-proċess tat-tfassil tal-liġijiet tal-UE, iżda bħala mod kif jesprimu l-fehmiet u t-tħassib tagħhom. Is-sottomissjonijiet kollha mill-Parlamenti nazzjonali huma disponibbli fuq Connect, il-bażi ta' *data* tal-Parlament Ewropew ta' dokumenti parlamentari nazzjonali[17].

Skont l-Anness VI għar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI) għandu r-responsabbiltà komprensiva biex jiżgura l-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Kull sitt xhur, membru tal-kumitat JURI jinħatar bħala rapporteur permanenti għas-sussidjarjetà fuq bażi ta' rotazzjoni fost il-gruppi politiċi. Il-MPE Angel Dzhambazki (Il-Konservattivi u r-Riformisti Ewropej) kien ir-rapporteur permanenti matul l-ewwel nofs tal-2019, segwit mill-MPE Nacho Sanchez Amor (Is-Soċjalisti u d-Demokratiċi) fit-tieni nofs tas-sena.

Il-Kumitat JURI jikkontribwixxi wkoll għar-rapporti biannwali minn COSAC[18] dwar kwistjonijiet relatati mas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

Is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew kompla jgħin lill-Parlament Ewropew fil-ħidma tiegħu biex iqis il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità:

- billi jifli bir-reqqa u b'mod sistematiku l-aspetti tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni u billi jiġbed l-attenzjoni għal kwalunkwe tħassib espress f'dan ir-rigward, b'mod partikolari mill-Parlamenti nazzjonali u mill-Kumitat tar-Reġjuni;

---

16 Għall-proċedura dwar kif il-Parlament Ewropew jittratta l-opinjonijiet motivati tal-Parlamenti nazzjonali, ara r-Rapport Annwali 2016 dwar is-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità, il-punt 2.3.

17 http://www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/connect/welcome.html

18 Dwar il-COSAC, ara t-taqsima 5 hawn taħt.

- billi jiżgura li l-ħidma tal-Parlament Ewropew stess issegwi dawn il-prinċipji b'mod sħiħ, pereżempju meta jwettaq valutazzjonijiet tal-impatt tal-emendi sostanzjali tiegħu stess jew meta janalizza l-valur miżjud tal-proposti tal-Parlament għal leġiżlazzjoni ġdida, abbażi tal-Artikolu 225 tat-TFUE, u l-kost tan-nuqqas ta' azzjoni fil-livell tal-UE;
- billi jifli bir-reqqa l-aspetti tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità meta jabbozza l-valutazzjonijiet tal-impatt, billi jiffoka fuq il-valur miżjud tal-UE.

2.3. Il-Kunsill

Fl-1 ta' Lulju 2019, il-Kunsill ħa nota tal-arranġamenti l-ġodda, proposti mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, li taħthom il-perjodu bejn l-20 ta' Diċembru u l-10 ta' Jannar, ħlief f'każijiet urġenti li għalihom ingħataw raġunijiet xierqa, ma għandux jittieħed f'kunsiderazzjoni biex jiġi ddeterminat il-perjodu ta' tmien ġimgħat stabbilit fil-Protokoll Nru 2 tat-Trattati[19]. Il-Kunsill ikkomunika dan lill-Kummissjoni fl-4 ta' Lulju permezz tal-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti. F'din l-ittra, il-Kunsill iqis l-arranġament il-ġdid bħala triq 'il quddiem biex jiġi ffaċilitat l-iskrutinju tal-Parlamenti nazzjonali tal-abbozzi ta' atti leġiżlattivi għall-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, f'konformità mal-Protokoll Nru 2 għat-Trattati.

Skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 2, huwa l-Kunsill li għandu jibgħat lill-Parlamenti nazzjonali l-abbozzi tal-atti leġiżlattivi kollha li joriġinaw minn grupp ta' Stati Membri, mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-Bank Ewropew tal-Investiment. F'Marzu 2019, il-Kunsill bagħat lill-Parlamenti nazzjonali talba mill-Bank Ewropew tal-Investiment lill-Kunsill sabiex jemenda l-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investiment f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva speċjali stipulata fl-Artikolu 308 tat-TFUE[20].

Minbarra l-obbligi tiegħu skont it-Trattat, il-Kunsill iżomm ukoll lill-Istati Membri infurmati dwar l-opinjonijiet maħruġa mill-Parlamenti nazzjonali dwar il-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni. Fl-2019, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill qassam lid-delegazzjonijiet 26 opinjoni maħruġa skont il-proċess ta' djalogu politiku[21]. Fl-2019, il-Kunsill ma rċieva l-ebda opinjoni motivata skont il-Protokoll Nru 2.

2.4. Il-Kumitat tar-Reġjuni[22]

Matul l-2019, il-Kumitat tar-Reġjuni ("il-Kumitat") kompla l-ħidma tiegħu biex jiżgura li r-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u dwar li "Isir inqas b'mod aktar effiċjenti" jiġu implimentati u li s-"sussidjarjetà attiva" ssir realtà[23]. Huwa

---

[19] Dokument tal-Kunsill ST 10722/19, disponibbli fir-reġistru tal-Kunsill. Dwar dawn l-arranġamenti, ara wkoll it-taqsima 2.1 hawn fuq.

[20] 2019/0804 (CNS) — Dok. tal-Kunsill 2338/19, disponibbli fir-reġistru tal-Kunsill.

[21] Hemm diskrepanza fl-għadd ta' opinjonijiet irreġistrati mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni, minħabba li mhux l-istituzzjonijiet kollha rċevew l-opinjonijiet kollha u minħabba li dawn għandhom modi differenti ta' kif jgħoddu l-opinjonijiet mibgħuta b'mod konġunt minn diversi Parlamenti nazzjonali.

[22] Deskrizzjoni aktar dettaljata tal-attivitajiet relatati mas-sussidjarjetà hija pprovduta fir-Rapport Annwali dwar is-Sussidjarjetà tal-2019 maħruġ mill-Kumitat tar-Reġjuni, disponibbli wara l-adozzjoni mill-Bureau tal-Kumitat tar-Reġjuni fuq http://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/Pages/default.aspx.

[23] Dwar il-ħidma u s-segwitu ta' din it-Task Force, ara wkoll it-taqsimiet 2.1 tar-Rapport Annwali 2018 (COM(2019) 333) u ta' dan ir-rapport. Għat-Task Force, is-"sussidjarjetà attiva" kienet tfisser, fost l-oħrajn, li

organizza diskussjoni ta' livell għoli dwar is-sussidjarjetà attiva fit-tmien Summit Ewropew tar-Reġjuni u l-Bliet f'Bukarest fl-14 u l-15 ta' Marzu 2019, li nieda l-proġett pilota tal-Kumitat biex jitwaqqfu Ċentri Reġjonali li janalizzaw kif il-politiki tal-UE qegħdin jiġu implimentati fil-livell lokali u reġjonali (RegHub). Fl-2019, il-proġett pilota tar-RegHub wettaq żewġ konsultazzjonijiet, waħda dwar l-akkwist pubbliku u l-oħra dwar il-kwalità tal-arja, li kull waħda minnhom irriżultat f'rapport fil-fond dwar l-implimentazzjoni[24].

Bħala reazzjoni diretta għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Regolamentazzjoni aħjar: naghtu rendikont u nżommu l-impenn tagħna"[25], il-Kumitat adotta opinjoni f'Ottubru 2019[26] (rapporteur: Olgierd Geblewicz, il-Partit Popolari Ewropew), li żviluppat il-fehmiet tal-Kumitat dwar ir-regolamentazzjoni aħjar u r-rwol tas-"sussidjarjetà attiva" fit-tfassil tal-politika tal-UE. Din l-opinjoni tenniet l-appoġġ tal-Kumitat għal regolamentazzjoni aħjar, filwaqt li enfasizzat li dan għandu jkun sforz komuni.

Id-disa' Konferenza dwar is-Sussidjarjetà tal-Kumitat[27] kienet avveniment importanti għall-iżvilupp tad-dibattitu dwar "is-sussidjarjetà attiva" u r-rwol tagħha fid-diskussjonijiet dwar il-ġejjieni tal-Ewropa. Hija laqqgħet flimkien il-livelli kollha tal-gvern biex jiddibattu dwar kif l-aħjar li tiġi implimentata s-"sussidjarjetà attiva" madwar l-UE u kif għandu jintuża dan l-approċċ biex l-UE terġa' toqrob lejn iċ-ċittadini tagħha. Waqt il-konferenza tnieda proġett pilota ġdid dwar il-kontribut mid-dibattiti politiċi fil-Parlamenti reġjonali b'kooperazzjoni mal-Konferenza tal-Assembleji Leġislattivi Reġjonali tal-Unjoni Ewropea (CALRE). L-għan tal-proġett huwa li jipprovdi perspettiva reġjonali dwar il-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni billi jagħti vuċi lill-Parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi dwar it-tħejjija tal-programm ta' ħidma.

Fl-2019, il-Kumitat reġa' implimenta l-programm ta' ħidma tiegħu dwar is-sussidjarjetà bħala mod prattiku biex jimmonitorja l-prinċipju tas-sussidjarjetà. Billi l-inizjattivi elenkati fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2019 kienu fil-biċċa l-kbira mhux leġiżlattivi, ġew identifikati biss tliet inizjattivi ta' prijorità għall-programm ta' ħidma dwar is-sussidjarjetà: "Futur Ewropew sostenibbli", "Suq Uniku Ġust u li Jibqa' Validu fil-Futur" u "L-ikkompletar tas-Suq Uniku Diġitali".

Il-Kumitat ivvaluta l-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fil-proposti leġiżlattivi li dwarhom ħareġ opinjonijiet .[28]. Fl-2019, huwa adotta 49 opinjoni, li minnhom ħamsa biss kienu relatati ma' proposti leġiżlattivi.

"tippromwovi l-opportunitajiet għall-Parlamenti nazzjonali u għall-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jipparteċipaw fi stadju bikri biex isawru inizjattivi ġodda u jindikaw it-tħassib", billi jibnu fuq il-kompetenzi speċifiċi tagħhom u fuq esperjenzi konkreti bl-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE. B'hekk, il-kunċett jgħin "biex jiġi żgurat li jkun hemm apprezzament u aċċettazzjoni aħjar tar-raġuni għaliex il-politiki jiġu implimentati fil-livell tal-UE u, fl-aħħar mill-aħħar, sjieda akbar ta' dawk il-politiki fil-livelli kollha ta' governanza".

24 Rapporti disponibbli fuq https://cor.europa.eu/mt/our-work/Pages/network-of-regional-hubs.aspx

25 COM(2019) 178 final, 15.4.2019. Ara wkoll it-taqsima 2.1.

26 https://cor.europa.eu/MT/our-work/Pages/OpinionTimeline.aspx?opId=CDR-2579-2019

27 Din il-konferenza, organizzata b'mod konġunt mill-Kumitat tar-Reġjuni u mill-Konferenza Taljana tal-Presidenti tal-Parlamenti reġjonali, saret f'Ruma fit-22 ta' Novembru 2019: https://cor.europa.eu/mt/news/Pages/changing-the-way-the-eu-works.aspx

28 Ir-Regola 55.2 tar-Regoli ta' Proċedura ĠU L 65, 5.3.2014, p. 41, https://cor.europa.eu/en/members/Documents/CoR-Rules-of-Procedure-EN.pdf#search=Rules%20of%20Procedure

Il-ħames opinjonijiet kollha dwar il-proposti leġiżlattivi kienu jinkludu jew valutazzjoni diretta tal-konformità mas-sussidjarjetà u mal-proporzjonalità, jew inkella rakkomandazzjonijiet speċifiċi biex tittejjeb il-konformità ma' dawn il-prinċipji. Pereżempju, l-opinjoni dwar is-sikurezza fit-toroq u l-mobbiltà awtomatizzata kkonkludiet dwar il-ħtieġa "…li l-partijiet interessati lokali u reġjonali jiġu involuti fl-implimentazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni estiż tad-Direttiva, speċjalment fir-rigward tad-determinazzjoni ta' liema toroq huma koperti mid-dispożizzjonijiet tagħha …" u tressaq emendi għall-proposta tal-Kummissjoni dwar kif tinkiseb konformità aħjar mas-sussidjarjetà.

Għalkemm il-biċċa l-kbira tal-inizjattivi ma kinux leġiżlattivi, il-Kumitat żamm l-impenn tiegħu li jimplimenta l-approċċ ta' "sussidjarjetà attiva" fl-2019, minħabba li ħafna opinjonijiet dwar proposti mhux leġiżlattivi kienu jinkludu kemm valutazzjoni tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fil-qasam ta' politika rilevanti, kif ukoll rakkomandazzjonijiet kostruttivi biex jiġu ttrattati kwistjonijiet potenzjali. Eżempju ta' dan huwa l-opinjoni dwar ir-rapport ta' implimentazzjoni dwar l-akkwist pubbliku. Abbażi tal-ewwel konsultazzjoni tan-netwerk ta' Ċentri Reġjonali tal-Kumitat, l-opinjoni tipprovdi ħarsa ġenerali dettaljata lejn l-isfidi ewlenin li jiltaqgħu magħhom l-awtoritajiet lokali u reġjonali meta jimplimentaw id-Direttivi tal-2014 dwar l-akkwist pubbliku, kif ukoll l-aktar sorsi frekwenti tal-applikazzjoni skorretta tagħhom. Bl-użu ta' *data* empirika mil-livelli lokali u reġjonali, l-opinjoni tenfasizza wkoll kwistjonijiet sostantivi, meta wieħed iqis, pereżempju, li "…l-akkwist transkonfinali ma ġab l-ebda valur miżjud għall-awtoritajiet lokali u reġjonali. Għalkemm qegħdin jitwettqu regolarment proċeduri ta' akkwist fl-UE kollha, li jiswew flus u ħin konsiderevoli, ftit li xejn jingħataw kuntratti transkonfinali". L-opinjoni tipprovdi rakkomandazzjonijiet ta' politika biex jingħelbu dawn il-kwistjonijiet.

Il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sussidjarjetà wettaq żewġ konsultazzjonijiet fl-2019.

L-ewwel waħda tirrigwardja inizjattiva ta' prijorità fil-programm ta' ħidma dwar is-sussidjarjetà. Bħala parti mill-inizjattiva ta' prijorità dwar "L-ikkompletar tas-Suq Uniku Diġitali", il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sussidjarjetà ġie kkonsultat biex jappoġġja lir-rapporteur tal-Kumitat tal-opinjoni dwar il-pjan ta' azzjoni kontra d-diżinformazzjoni. Huwa ma enfasizza l-ebda kwistjoni ewlenija ta' sussidjarjetà jew proporzjonalità, billi l-attivitajiet deskritti fil-pjan ta' azzjoni jiddependu fuq il-kooperazzjoni bejn livelli varji tal-gvern. L-analiżi kkonkludiet li, minbarra l-kwistjonijiet tas-sussidjarjetà jew tal-proporzjonalità, ikun utli jekk il-pjan ta' azzjoni kontra d-diżinformazzjoni jippromwovi l-prinċipju stabbilit fit-Trattat ta' "kooperazzjoni sinċiera" jew governanza f'diversi livelli.

L-iskop tat-tieni konsultazzjoni tal-Grupp ta' Esperti dwar is-Sussidjarjetà kien li tappoġġja lir-rapporteur tal-opinjoni bit-titolu "Is-Semestru Ewropew u l-Politika ta' Koeżjoni: l-allinjament tar-riformi strutturali mal-investimenti fit-tul", li għalihom ġew ipprovduti kontribuzzjonijiet minn tliet esperti. F'konformità mal-approċċ tas-"sussidjarjetà attiva", l-esperti ressqu proposti biex jindirizzaw kwistjonijiet ta' konformità mas-sussidjarjetà u mal-proporzjonalità. Huma qalu li l-Kumitat "…jenfasizza li l-aħjar mod biex jiġi evitat ksur tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u biex jiġi żgurat li l-politika tkun ikkoordinata b'mod effettiv huwa li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu involuti bis-sħiħ fis-Semestru Ewropew b'mod strutturat, f'konformità mal-prinċipji tas-sħubija u tal-governanza f'diversi livelli".

Il-kompożizzjoni tan-Netwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà[29] ma nbidlitx fl-2019 (156 sieħeb). REGPEX[30], is-subnetwerk tan-Netwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà miftuħ għall-Parlamenti[31] u l-gvernijiet tar-reġjuni b'setgħat leġiżlattivi, ra tnaqqis qawwi fl-ammont ta' xogħol minħabba li fl-2019 ma tantx saru proposti leġiżlattivi. Huwa ħareġ biss żewġ kontribuzzjonijiet fl-2019, meta mqabbel ma' 95 fl-2018.

2.5. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Fl-2019, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-Qorti) ħarġet deċiżjoni f'każ wieħed dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni tal-UE mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Ġunju 2019 fil-Kawża C-264/18[32], il-Qorti kkunsidrat li l-leġiżlatur tal-UE ma kisirx il-prinċipju tas-sussidjarjetà billi eskluda s-servizzi legali mid-Direttiva 2014/24/UE dwar l-akkwist pubbliku[33] minħabba li, meta għamel hekk, il-leġiżlatur ikkunsidra li kienet ir-responsabbiltà tal-leġiżlaturi nazzjonali li jiddeterminaw jekk tali servizzi għandhomx ikunu soġġetti għar-regoli tal-akkwist pubbliku.

Il-Qorti ċċarat ukoll l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità f'żewġ kawżi li fihom Stat Membru kien ikkontesta att leġiżlattiv adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill[34].

Fir-rigward tal-istandard ta' rieżami tal-konformità ma' dan il-prinċipju, il-Qorti fakkret li l-leġiżlatura tal-UE trid tingħata diskrezzjoni wiesgħa f'oqsma fejn l-azzjoni tagħha tinvolvi għażliet politiċi, ekonomiċi u soċjali u li fihom tkun mitluba twettaq valutazzjonijiet u evalwazzjonijiet kumplessi. Għalhekk, għall-Qorti, il-kriterju li għandu jiġi applikat mhuwiex jekk miżura adottata f'tali qasam kinitx l-unika jew l-aħjar miżura possibbli, minħabba li l-legalità tal-miżura tista' tiġi affettwata biss jekk tkun manifestament mhux xierqa wara li jitqies l-objettiv segwit[35].

Għaldaqstant, il-Qorti qieset li ma kienx intwera li l-leġiżlatura tal-UE kienet wettqet żball manifest fl-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/2284 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi. F'dak il-kuntest, il-Qorti ċċarat li l-leġiżlatura tal-UE mhijiex obbligata li tqis is-sitwazzjoni partikolari ta' Stat Membru jekk il-miżura tal-UE kkonċernata jkollha impatt fl-Istati Membri kollha u tkun tirrikjedi li jintlaħaq bilanċ bejn l-interessi differenti involuti, filwaqt li jitqiesu l-objettivi ta' dik il-miżura. Għalhekk, it-tentattiv li jintlaħaq dan il-

[29] http://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/thesmn/Pages/default.aspx In-Netwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà, imniedi f'April 2007, twaqqaf sabiex jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-livell tal-Unjoni dwar diversi dokumenti u proposti leġiżlattivi u politiċi mill-Kummissjoni. In-netwerk iservi bħala punt ta' aċċess li jippermetti lis-sħab kollha tiegħu mhux biss biex jiksbu l-informazzjoni, iżda wkoll jesprimu l-fehmiet tagħhom.

[30] http://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/regpex/Pages/default.aspx.

[31] Dwar il-Parlamenti reġjonali, ara wkoll it-Taqsima 6.

[32] Is-Sentenza tas-6 ta' Ġunju 2019, il-Kawża C-264/18 (talba għal deċiżjoni preliminari mill-Qorti Kostituzzjonali Belġjana), P. M. u oħrajn vs Ministerraad, EU:C:2019:472.

[33] Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE, ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65.

[34] Is-Sentenza tat-13 ta' Marzu 2019, Il-Polonja vs Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, C-128/17, EU:C:2019:194; Is-Sentenza tat-3 ta' Diċembru 2019, il-Kawża C-482/17, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, EU:C:2019:1035.

[35] Is-Sentenza fil-Kawża C-482/17, il-punt 77. Ara wkoll il-valutazzjoni tal-proporzjonalità fis-sentenza tat-30 ta' Jannar 2019, il-Kawża C-220/17, Planta Tabak-Manufaktur Dr Manfred Obermann GmbH & Co. KG vs Land Berlin, EU:C:2019:76.

bilanċ, filwaqt li titqies mhux biss is-sitwazzjoni partikolari ta' Stat Membru wieħed iżda s-sitwazzjoni tal-Istati Membri kollha tal-UE, ma jistax jitqies li jmur kontra l-prinċipju tal-proporzjonalità[36].

Fis-sentenza l-oħra[37], il-Qorti kkonfermat il-validità fid-dawl tal-prinċipju tal-proporzjonalità ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2017/853, li permezz tagħhom il-Parlament Ewropew u l-Kunsill emendaw id-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi[38]. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti kkunsidrat li d-diskrezzjoni wiesgħa tal-leġiżlatura tal-UE tapplika mhux biss għan-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura kkontestata iżda wkoll, sa ċertu punt, għas-sejba tal-fatti bażiċi. Madankollu, anki fejn għandha diskrezzjoni wiesgħa, il-leġiżlatura tal-UE trid tibbaża l-għażla tagħha fuq kriterji oġġettivi u teżamina jekk l-għanijiet segwiti mill-miżura magħżula humiex tali li jiġġustifikaw saħansitra konsegwenzi ekonomiċi negattivi sostanzjali għal ċerti operaturi. Il-Qorti kkunsidrat li l-istituzzjonijiet tal-UE li adottaw il-miżura inkwistjoni għandhom ikunu jistgħu juru quddiem il-Qorti li meta adottaw il-miżura huma eżerċitaw diskrezzjoni. Dan jippresupponi li huma kienu kkunsidraw il-fatturi u ċ-ċirkostanzi kollha rilevanti għas-sitwazzjoni li l-miżura kellha l-intenzjoni li tirregola. Għalhekk, l-istituzzjonijiet iridu mill-inqas ikunu kapaċi jipproduċu u jistabbilixxu b'mod ċar u inekwivoku l-fatti bażiċi li kellhom jitqiesu bħala l-bażi tal-miżura kkontestata u li fuqhom kien jiddependi l-eżerċitar tad-diskrezzjoni tagħhom. F'dan il-każ, il-Qorti ċaħdet il-motiv li l-leġiżlatura tal-UE ma kellhiex biżżejjed informazzjoni dwar l-impatt potenzjali tad-direttiva kkontestata sabiex tivvaluta l-konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Il-Qorti kkunsidrat li, matul il-proċedura leġiżlattiva, l-istituzzjonijiet tal-UE kkunsidraw id-*data* xjentifika disponibbli u sejbiet oħrajn li saru disponibbli. Dawn kienu jinkludu *data* u sejbiet miksuba mill-evalwazzjoni REFIT imwettqa mill-Kummissjoni, diversi studji, konsultazzjoni pubblika, konsultazzjonijiet mal-Istati Membri u mal-partijiet interessati u valutazzjonijiet tal-impatt ippreżentati mill-Istati Membri.

3. L-APPLIKAZZJONI TAL-MEKKANIŻMU TAL-KONTROLL TAS-SUSSIDJARJETÀ MILL-PARLAMENTI NAZZJONALI

L-2019 kienet l-ewwel sena minn meta ddaħħal il-mekkaniżmu tal-kontroll tas-sussidjarjetà, li fih il-Kummissjoni ma rċeviet **l-ebda opinjoni motivata** mill-Parlamenti nazzjonali. Dan kien dovut l-aktar għat-tnaqqis qawwi fl-attività leġiżlattiva tal-Kummissjoni fis-sena ta' tranżizzjoni bejn żewġ Kummissjonijiet. Fl-2019, il-Kummissjoni bagħtet 28 proposta leġiżlattiva soġġetti għal kontroll tas-sussidjarjetà lill-koleġiżlaturi u lill-Parlamenti nazzjonali, meta mqabbel mal-139 tal-2018. Fuq dawn it-28 proposta, il-Parlamenti nazzjonali adottaw 39 opinjoni. Dan jikkonferma x-xejra osservata fir-rapport annwali preċedenti: il-proporzjon ta' opinjonijiet motivati qiegħed jonqos meta mqabbel kemm mal-għadd kumplessiv ta' opinjonijiet (10,5 % fl-2016; 9 % fl-2017; 6.5 % fl-2018; xejn fl-2019) kif ukoll mal-għadd ta' opinjonijiet dwar proposti tal-Kummissjoni soġġetti għall-mekkaniżmu tal-kontroll tas-sussidjarjetà (17,6 % fl-2016; 16 % fl-2017; 10.5 % fl-2018; xejn fl-2019).

---

36 Is-Sentenza fil-Kawża C-128/17, il-punt 106.

37 Is-Sentenza fil-Kawża C-482/17, il-punti 86-93.

38 Id-Direttiva (UE) 2017/853 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi, ĠU L 137, 24.5. 2017, p. 22.

Dan jista' jkun ir-riżultat tal-applikazzjoni mill-Kummissjoni ta' aġenda ta' regolamentazzjoni aħjar imsaħħa u tal-impenn tagħha li tintegra l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fl-istadji kollha tat-tfassil tal-politika, li tevalwa l-oqfsa ta' politika eżistenti qabel tissottometti leġiżlazzjoni riveduta u li tibda azzjoni f'livell Ewropew biss jekk dan jipprovdi valur miżjud ċar[39].

4. DJALOGU POLITIKU MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI



Osservazzjonijiet ġenerali dwar l-opinjonijiet bil-miktub

Fl-2019, il-Parlamenti nazzjonali bagħtu 159 opinjoni lill-Kummissjoni. Dan huwa ħafna inqas mis-snin preċedenti (576 fl-2017 u 569 fl-2018) u saħansitra inqas minn fis-sena ta' tranżizzjoni preċedenti, 2015 (350). Dan huwa l-aktar għadd baxx mill-bidu tad-djalogu politiku fl-2007.

Minn dawn il-159 opinjoni, 39 biss (25 %) kienu jikkonċernaw proposti tal-Kummissjoni soġġetti għall-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà. Il-120 opinjoni li jifdal (75 %) jew kienu jikkonċernaw inizjattivi mhux leġiżlattivi, bħal komunikazzjonijiet, jew inkella kienu opinjonijiet fuq inizjattiva proprja. Dan il-proporzjon eċċezzjonalment għoli[40] jirrifletti t-tnaqqis temporanju fil-volum tal-proposti leġiżlattivi li l-Kummissjoni ppreżentat, iżda juri wkoll l-interess tal-Parlamenti nazzjonali li jesprimu l-pożizzjonijiet tagħhom lill-Kummissjoni fi stadju bikri fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet

[39] Fi Frar 2020, il-Kummissjoni rċeviet opinjoni mill-*Poslanecká sněmovna* tar-Repubblika Ċeka, li tikkontesta din il-fehma u tqis li dan it-tnaqqis fl-għadd u fil-proporzjon ta' opinjonijiet motivati huwa minflok indikazzjoni allarmanti ta' telf ta' ambizzjoni mill-Parlamenti nazzjonali li jinvolvu ruħhom b'mod attiv fil-proċess leġiżlattiv tal-UE.

[40] Fl-2018, 62 % tal-opinjonijiet kienu jikkonċernaw inizjattivi soġġetti għall-kontroll tas-sussidjarjetà u 38 % kienu jikkonċernaw opinjonijiet oħrajn.



Il-parteċipazzjoni u l-kamp ta' applikazzjoni

Bħal fis-snin preċedenti, l-għadd ta' opinjonijiet mibgħuta lill-Kummissjoni kien ivajra sostanzjalment bejn il-Parlamenti nazzjonali. L-aktar 10 kmamar attivi ħarġu 116-il opinjoni, jiġifieri 73 % tat-total, sehem iżgħar mit-total minn dak fl-2018 (83 %), iżda simili għas-snin preċedenti (74 % fl-2017, 73 % fl-2016 u 72 % fl-2015). 17-il kamra[41] (10 fl-2018) ma ħarġu l-ebda opinjoni.



[41] Il-*Bundesrat* u n-*Nationalrat* tal-Awstrija, *Chambre des représentants/Kamer van volksvertegenwoordigers* tal-Belġju, in-*Narodno Sabranie* tal-Bulgarija, il-*Hrvatski Sabor* tal-Kroazja, il-*Vouli ton Antiprosopon* ta' Ċipru, il-*Folketing* tad-Danimarka, ir-*Riigikogu* tal-Estonja, l-*Eduskunta* tal-Finlandja, il-*Vouli ton Ellinon* tal-Greċja, il-Houses of the *Oireachtas* tal-Irlanda (*Dáil* u *Seanad Éireann*), is-*Saeima* tal-Latvja, *Chambre des Députés* tal-Lussemburgu, id-*Državni svet* u d-*Državni zbor* tas-Slovenja, il-House of Commons tar-Renju Unit.

Il-kamra li ssottomettiet l-akbar għadd ta' opinjonijiet fl-2019 kienet is-*Senát* Ċek (21 opinjoni). L-10 Parlamenti nazzjonali l-oħrajn jew il-kmamar li bagħtu l-akbar għadd ta' opinjonijiet fl-2019 kienu l-*Camera Deputaților* tar-Rumanija (15-il opinjoni), l-*Assembleia da República* tal-Portugall (14-il opinjoni), il-*Poslanecká sněmovna* tar-Repubblika Ċeka (13-il opinjoni), is-*Sénat* Franċiż (12-il opinjoni), il-*Bundesrat* Ġermaniż (11-il opinjoni), il-*Cortes Generales* ta' Spanja (8 opinjonijiet), il-*House of Lords* tar-Renju Unit (8 opinjonijiet), is-*Senato della Repubblica* Taljan (7 opinjonijiet), is-*Senat* tar-Rumanija (7 opinjonijiet) u r-*Riksdag* tal-Iżvezja (7 opinjonijiet). Dawn il-kmamar kienu wkoll l-aktar kmamar attivi fl-2018 (għalkemm f'ordni differenti).

Għalkemm il-biċċa l-kbira tal-kmamar irreġistraw tnaqqis qawwi fl-għadd ta' opinjonijiet ippreżentati, tnejn ippreżentaw aktar opinjonijiet fl-2019 milli fl-2018: l-*Országgyűlés* tal-Ungerija (5 opinjonijiet fl-2019, 3 fl-2018) u l-*Eerste Kamer* Olandiż (6 opinjonijiet fl-2019, 2 fl-2018).

L-Anness 1 juri fid-dettall l-għadd ta' opinjonijiet mibgħuta minn kull kamra.

Is-suġġetti ewlenin tal-opinjonijiet fid-djalogu politiku

Fl-2019, bħal fis-snin preċedenti, l-opinjonijiet sottomessi mill-Parlamenti nazzjonali koprew diversi suġġetti. Il-ħames fajls li ġejjin, li attiraw bejn 5 u 9 opinjonijiet kull wieħed[42], ġibdu l-aktar attenzjoni mill-Parlamenti nazzjonali:

1. Estensjoni tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata — 9 opinjonijiet;
2. Sussidjarjetà u regolamentazzjoni aħjar — 8 opinjonijiet;
3. It-tisħiħ tal-istat tad-dritt — 6 opinjonijiet;
4. Lejn Ewropa sostenibbli — 5 opinjonijiet;
5. Il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni online — 5 opinjonijiet.

- *Estensjoni tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata*

Il-Kummissjoni impenjat ruħha li teżamina modi kif tagħmel it-teħid tad-deċiżjonijiet aktar effiċjenti billi tidentifika oqsma biex jiżdied l-użu ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata[43]. Għal dak l-għan, hija adottat erba' komunikazzjonijiet dwar erba' oqsma ta' politika ewlenin: il-politika estera u ta' sigurtà komuni, fit-12 ta' Settembru 2018[44]; it-tassazzjoni, fil-15 ta' Jannar 2019[45]; l-enerġija u l-klima, fid-9 ta' April 2019[46]; u l-politika soċjali, fis-16 ta' April 2019[47].

---

[42] Ma kien hemm l-ebda dokument li attira aktar minn sitt opinjonijiet. L-Anness 2 jelenka d-dokumenti li wasslu għal aktar minn 4 opinjonijiet, li l-ebda waħda minnhom ma kienet proposta leġiżlattiva.

[43] Ara d-diskors tal-President Juncker dwar "L-Istat tal-Unjoni" tat-12 ta' Settembru 2018 u l-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2019 (COM(2018) 800 final, 23.10.2018).

[44] COM(2018) 647 final, 12.9.2018.

[45] COM(2019) 8 final, 15.1.2019.

[46] COM(2019) 177 final, 9.4.2019.

[47] COM(2019) 186 final, 16.4.2019.

Dawn il-komunikazzjonijiet skattaw disa' opinjonijiet minn sitt Parlamenti nazzjonali[48]. Dawn l-opinjonijiet ġeneralment esprimew oppożizzjoni għall-estensjoni tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata minħabba li qiesu li kien meħtieġ li jinżamm it-teħid tad-deċiżjonijiet b'mod unanimu f'dawn l-oqsma sabiex jiġu protetti s-sovranità u l-interessi nazzjonali. Xi kmamar kienu wkoll tal-opinjoni li t-teħid tad-deċiżjonijiet b'unanimità ħadem tajjeb f'dawn l-oqsma u ma kienx ostakolu biex isir progress fil-livell tal-UE.

Il-Kummissjoni wieġbet li, fir-rigward tal-politika estera u ta' sigurtà, f'ċerti okkażjonijiet, ir-regola tal-unanimità affettwat il-ħeffa u l-kapaċità tal-UE li tieħu azzjoni fuq kwistjonijiet dinjin u li biex tkun tista' tkompli ssawwar il-futur tagħha, l-UE jenħtieġ li ttejjeb it-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha billi tuża l-firxa sħiħa ta' għażliet disponibbli skont it-Trattati. Fir-rigward tat-tassazzjoni, hija enfasizzat li azzjoni kkoordinata tal-UE kienet essenzjali biex tipproteġi d-dħul tal-Istati Membri u tiżgura l-ġustizzja fl-ambjent tat-tassazzjoni u l-funzjonament xieraq tas-suq intern.

Għalkemm il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni ħolqu sfidi komuni fir-rigward tal-politika tat-tassazzjoni li jeħtieġu soluzzjonijiet komuni, l-UE ma setgħetx taġixxi jew tirreaġixxi malajr minħabba l-limitazzjonijiet tar-regola tal-unanimità. Taħt votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata, l-Istati Membri jkunu jistgħu jaslu għal soluzzjonijiet aktar malajr u aktar effettivi dwar kwistjonijiet ta' tassazzjoni. Barra minn hekk, taħt il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, id-deċiżjonijiet dwar it-tassazzjoni jibbenefikaw mill-kontribut tal-Parlament Ewropew, biex b'hekk jiġu rrappreżentati l-fehmiet taċ-ċittadini u tiżdied l-akkontabilità. Fir-rigward tal-politika dwar l-enerġija u l-klima, il-Kummissjoni nnotat li r-reġim attwali tat-tassazzjoni tal-enerġija jikkawża distorsjonijiet fis-suq intern minħabba rati tat-taxxa u bażijiet tat-taxxa differenti fuq fjuwils li jikkompetu ma' xulxin. Għalhekk, it-trattament ugwali tas-sorsi kollha tal-enerġija skont il-kontribut tagħhom għall-objettivi tal-Unjoni tal-Enerġija (bħall-promozzjoni tal-enerġija sostenibbli u l-evitar tal-konsum żejjed tal-enerġija) huwa aspett li jeħtieġ li jkun rifless f'riforma futura tat-tassazzjoni tal-enerġija. Għal dan l-għan, se jkun kruċjali li jinstabu soluzzjonijiet ta' kompromess li jirriflettu l-interessi u l-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali speċifiċi fl-Istati Membri.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-politika soċjali, il-Kummissjoni spjegat li hija ħadet approċċ immirat lejn l-użu ta' klawżoli "*passerelle*". Hija ssuġġeriet li dawn il-klawżoli jintużaw biss fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' nondiskriminazzjoni u għall-adozzjoni ta' rakkomandazzjonijiet dwar is-sigurtà soċjali u l-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema, fejn votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata tagħmilha aktar faċli għall-Istati Membri biex jindirizzaw l-isfidi komuni malajr.

- *Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità*

Fil-Komunikazzjoni bit-titolu "Il-prinċipji tas-sussidjarjetà u proporzjonalità: Insaħħu r-rwol tagħhom fit-tfasil tal-politika tal-UE"[49], adottata fit-23 ta' Ottubru 2018, ir-rapport annwali 2017

[48] Il-*Poslanecká sněmovna* tar-Repubblika Ċeka (żewġ opinjonijiet, waħda dwar it-tassazzjoni u waħda dwar l-enerġija u l-klima), is-*Senát* tar-Repubblika Ċeka (tliet opinjonijiet, dwar it-tassazzjoni, l-enerġija u l-klima u l-politika soċjali, rispettivament), l-*Országgyűlés* tal-Ungerija (opinjoni waħda li tkopri t-tassazzjoni, il-politika estera u ta' sigurtà komuni u l-politika soċjali), il-*Kamra tad-Deputati* ta' Malta (it-tassazzjoni), l-*Eerste Kamer* Olandiż (l-enerġija u l-klima) u r-*Riksdag* tal-Iżvezja (it-tassazzjoni).

[49] COM(2018) 703 finali, 23.10.2018. Ara wkoll it-Taqsima 2.1 tar-Rapport Annwali 2018 u, għall-miżuri implimentati fl-2019, it-Taqsima 2.1 ta' dan ir-rapport.

dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità[50] u r-rapport dwar ir-relazzjonijiet mal-Parlamenti nazzjonali[51], il-Kummissjoni stabbilixxiet is-segwitu tagħha għar-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u dwar li "Isir Inqas b'Mod Aktar Effiċjenti".

Fl-2019, dan il-pakkett skatta sitt opinjonijiet minn sitt Parlamenti nazzjonali[52] u opinjoni waħda minn Parlament reġjonali[53]. Il-kmamar kollha ġeneralment laqgħu l-ħidma tat-Task Force, appoġġjaw il-kunċett ta' "sussidjarjetà attiva" u approvaw l-azzjoni ta' segwitu diġà meħuda mill-Kummissjoni.

Xi kmamar għamlu suġġerimenti dwar kif il-Kummissjoni tista' ttejjeb l-interazzjoni tagħha magħhom meta tkun qed tħejji l-proposti tagħha, billi ttejjeb l-ippjanar tal-inizjattivi tagħha biex tippermetti aħjar lill-Parlamenti nazzjonali jippjanaw il-kontrolli tas-sussidjarjetà tagħhom u/jew billi ttejjeb il-kwalità tal-valutazzjonijiet tal-impatt u tagħti aktar informazzjoni dwarhom bil-lingwi uffiċjali kollha. Saru suġġerimenti oħrajn biex jittejjeb l-iskrutinju mill-Parlamenti nazzjonali matul il-fażi leġiżlattiva, bħall-organizzazzjoni ta' dibattiti mar-rappreżentanti tal-Parlamenti nazzjonali u tal-Parlament Ewropew meta proposta twassal għal għadd ta' opinjonijiet motivati, jew id-diskussjoni tal-osservazzjonijiet magħmula mill-Parlamenti nazzjonali fil-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill. Xi Parlamenti ssuġġerew ukoll miżuri li jkunu jeħtieġu bidliet fit-Trattat, bħall-estensjoni tal-perjodu biex jinħarġu opinjonijiet motivati għal 12-il ġimgħa, it-tnaqqis tal-għadd ta' opinjonijiet motivati meħtieġa biex tiskatta "karta safra", li l-opinjonijiet motivati jkunu bbażati fuq il-proporzjonalità, l-iffissar ta' skadenza formali għat-tweġibiet tal-Kummissjoni u l-għoti ta' setgħat lill-Parlament Ewropew biex jagħti bidu għal leġiżlazzjoni.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni laqgħet l-appoġġ tal-Parlamenti nazzjonali għall-inizjattivi li ħabbret fil-komunikazzjoni u kkonfermat li kienet qed tħejji biex timplimentahom. Hija qablet dwar il-ħtieġa li tiġi pprovduta informazzjoni dwar kif il-proposti jikkonformaw mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità u enfasizzat li s-sommarji eżekuttivi tal-valutazzjonijiet tal-impatt kienu fil-fatt ippubblikati bil-lingwi kollha tal-UE. Hija enfasizzat il-ħidma tagħha biex iżżid il-livell tad-dettall u l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar l-inizjattivi mħabbra fil-programm ta' ħidma tagħha, filwaqt li nnotat b'interess is-suġġerimenti għall-organizzazzjoni ta' dibattiti dwar il-proposti magħmula. Filwaqt li ħadet nota tas-suġġerimenti li jeħtieġu bidla fit-Trattat, il-Kummissjoni rrimarkat li ma kienet prevista l-ebda bidla bħal din fil-futur qrib.

- *L-istat tad-dritt*

Fit-3 ta' April 2019, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni bit-titolu "It-tisħiħ ulterjuri tal-istat tad-dritt fl-Unjoni – Is-sitwazzjoni attwali u l-passi possibbli li jmiss"[54]. L-għan ta' dan kien li tingħata ħarsa ġenerali lejn is-sett ta' għodod attwali biex jiġu indirizzati l-isfidi għall-istat tad-dritt fl-UE u biex jinfetaħ dibattitu dwar kif dan jista' jissaħħaħ. Bħala segwitu, fis-

[50] COM(2018) 490 final, 23.10.2018.

[51] COM(2018) 491 final, 23.10.2018.

[52] Is-*Senát* Ċek, il-*Bundesrat* Ġermaniż, il-*Camera dei Deputati* tal-Italja, is-*Seimas* tal-Litwanja, il-*Camera Deputaților* tar-Rumanija, ir-*Riksdag* tal-Iżvezja. L-*Eduskunta* tal-Finlandja ma bagħtitx opinjoni lill-Kummissjoni, iżda ppubblikat dikjarazzjoni dwar il-komunikazzjoni fuq is-sit web tagħha. Is-*Senat* Pollakk kien diġà pprovda opinjoni f'Diċembru 2018 (ara r-Rapport Annwali 2018, it-Taqsima 2.1).

[53] Il-*Landtag* tal-Bavarja.

[54] COM(2019) 163 final, 3.4.2019.

17 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni dwar "It-tisħiħ tal-istat tad-dritt fl-Unjoni – Pjan ta' azzjoni"[55], li stabbilixxiet miżuri speċifiċi għal azzjoni f'dan il-qasam.

Dawn il-komunikazzjonijiet wasslu għal sitt opinjonijiet minn ħames Parlamenti nazzjonali[56]. Ġeneralment, huma laqgħu l-ħidma tal-Kummissjoni biex tippromwovi u tiddefendi l-istat tad-dritt fl-UE u qablu mal-ħtieġa li jittejbu u jissaħħu l-għodod disponibbli biex jipproteġu l-valuri fundamentali tal-UE. Xi kmamar enfasizzaw ukoll l-importanza ta' djalogu permanenti mal-Istati Membri dwar l-istat tad-dritt.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat li, kif kienet iċċarat il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, ir-rispett għall-istat tad-dritt huwa kemm kwistjoni nazzjonali kif ukoll tal-UE, u hija r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet tal-UE li jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet fi ħdan il-qafas istituzzjonali. Hija enfasizzat ir-rwol ewlieni li għandhom il-Parlamenti nazzjonali sabiex jiżguraw l-istat tad-dritt fl-Istati Membri, kemm bħala dawk li jfasslu l-liġijiet kif ukoll biex iżommu lill-eżekuttiv akkontabbli. Hija spjegat ukoll li ċ-"ċiklu ta' rieżami tal-istat tad-dritt" propost għandu jkun għodda preventiva biex jiġu identifikati l-problemi u jinħoloq spazju għad-djalogu. Il-Kummissjoni se timmonitorja l-proċess f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali.

- *Lejn Ewropa sostenibbli*

Fit-30 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni adottat dokument ta' riflessjoni bit-titolu "Lejn Ewropa sostenibbli sal-2030"[57] biex tmexxi d-diskussjoni dwar kif l-UE tista' tilħaq bl-aħjar mod l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti għall-2030.

Dan id-dokument wassal għal ħames opinjonijiet minn erba' Parlamenti nazzjonali[58] li qajmu firxa ta' kwistjonijiet. Dawn jinkludu l-aspetti reġjonali u soċjali tat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà, il-ħtieġa li jiġu involuti l-partijiet interessati kollha f'din it-tranżizzjoni, il-kompatibbiltà bejn it-tkabbir u l-iżvilupp tal-kummerċ dinji, minn naħa waħda, u s-sostenibbiltà, min-naħa l-oħra, u l-ħtieġa li tiġi appoġġjata l-edukazzjoni, kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni qablet li l-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli kienet teħtieġ kooperazzjoni effettiva fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali, tal-UE u globali, b'rispett għall-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Hija osservat li l-Parlamenti nazzjonali kienu f'pożizzjoni prominenti, minħabba li l-progress jiddependi l-aktar fuq l-azzjoni meħuda mill-Istati Membri fil-livelli kollha. Hija enfasizzat ukoll li tnedew azzjonijiet bħall-inizjattiva għar-reġjuni b'użu intensiv ta' faħam u karbonju fi tranżizzjoni sabiex jiġi żgurat li t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika tkun ġusta u bbażata fuq is-solidarjetà, filwaqt li ma jkun hemm l-ebda reġjun jew ċittadin li jitħalla jaqa' lura.

- *Il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni online*

---

[55] COM(2019) 343 final, 17.7.2019.

[56] Il-*Bundesrat* Ġermaniż (żewġ opinjonijiet, waħda dwar kull komunikazzjoni), l-*Eerste Kamer* Olandiż (dwar COM(2019) 343) u t-*Tweede Kamer* Olandiż (dwar COM(2019) 163), is-*Senat* Rumen (dwar COM(2019) 163), ir-*Riksdag* tal-Iżvezja (dwar COM(2019) 163).

[57] COM(2019) 22 final, 30.1.2019.

[58] Il-*Poslanecká sněmovna* u s-*Senát* Ċeki, l-*Eerste Kamer* Olandiż (żewġ opinjonijiet suċċessivi), il-*Camera Deputaţilor* tar-Rumanija.

Fis-26 ta' April 2018, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni bit-titolu "L-indirizzar tad-diżinformazzjoni online: approċċ Ewropew"[59]. Fit-2 ta' Diċembru 2018, hija segwietha b'rapport[60] dwar l-implimentazzjoni ta' din il-komunikazzjoni, akkumpanjat minn pjan ta' azzjoni dwar id-diżinformazzjoni[61].

Fl-2019, dawn l-inizjattivi wasslu għal ħames opinjonijiet minn erba' Parlamenti nazzjonali[62]. Huma talbu kjarifika dwar kwistjonijiet bħal kif għandha tiġi definita d-diżinformazzjoni, il-konfini bejn l-indirizzar tad-diżinformazzjoni u ċ-ċensura, ir-rwol u l-indipendenza tal-verifikaturi tal-fatti u l-indirizzar tad-diżinformazzjoni mir-Russja.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni qablet li t-termini użati fil-komunikazzjoni, bħal "diżinformazzjoni", kif ukoll l-azzjonijiet imħabbra, ma għandhomx jintużaw għall-iskop ta' ċensura u enfasizzat li l-komunikazzjoni espressament evitat li jiġi kriminalizzat id-diskors jew li jinħolqu kategoriji ġodda ta' kontenut illegali. Hija spjegat li netwerk dens ta' verifikaturi tal-fatti b'saħħithom u indipendenti kien rekwiżit essenzjali għal ekosistema diġitali b'saħħitha u li, għalhekk, hija ffaċilitat in-netwerking bejn l-organizzazzjonijiet Ewropej ta' verifikaturi tal-fatti indipendenti billi pprovdiet l-infrastruttura għall-kooperazzjoni transfruntiera, mingħajr ma pprovdiet appoġġ finanzjarju jew eżerċitat xi kontroll fuq il-linja editorjali tagħhom. Fir-rigward tas-sorsi esterni ta' diżinformazzjoni, il-Kummissjoni nnotat li kien hemm evidenza qawwija ta' diżinformazzjoni li toriġina mir-Russja u, għalkemm pajjiżi oħrajn mhux tal-UE kienu qegħdin jużaw ukoll strateġiji ta' diżinformazzjoni, l-azzjoni mir-Russja kienet sistematika, mogħnija bir-riżorsi u fuq skala akbar mill-azzjoni meħuda minn pajjiżi oħrajn.

Opinjonijiet fuq inizjattivi proprji konġunti

Fl-2019, il-Kummissjoni rċeviet żewġ opinjonijiet fuq inizjattivi proprji konġunti mill-Parlamenti nazzjonali. It-tnejn li huma ġew iffirmati mis-sitt kmamar tal-pajjiżi fil-Grupp Visegrád ("V4")[63]. Waħda minnhom kienet tikkonċerna t-tkabbir tal-Unjoni Ewropea, b'appoġġ għat-tkabbir għall-Balkani tal-Punent. L-opinjoni konġunta l-oħra kienet dwar il-qafas finanzjarju pluriennali, li għalih il-Parlamenti nazzjonali tal-V4 talbu li jiġi allokat l-istess livell ta' finanzjament bħal dak tal-qafas finanzjarju preċedenti għall-politika agrikola komuni u għall-politika ta' koeżjoni.

5. KUNTATTI, ŻJARAT, LAQGĦAT U KONFERENZI

Żjarat tal-Kummissjoni fil-Parlamenti nazzjonali u laqgħat magħhom

Fl-2019, il-Membri tal-Kummissjoni għamlu total ta' 55 żjara lill-Parlamenti nazzjonali jew laqgħat mad-delegazzjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali (ara l-mappa ta' hawn taħt), inqas minn fis-snin preċedenti (140 fl-2018), minħabba li l-2019 kienet sena ta' tranżizzjoni bejn żewġ

[59] COM(2018) 236 final, 26.4.2018.

[60] COM(2018) 794 final, 5.12.2018.

[61] JOIN(2018) 36 final, 5.12.2018.

[62] Il-*Poslanecká sněmovna* u s-*Senát* Ċeki, il-*Bundesrat* Ġermaniż (opinjonijiet dwar COM(2018) 794 u JOIN (2018) 36), l-*Eerste Kamer* Olandiż (żewġ opinjonijiet ġodda dwar COM(2018) 36, b'segwitu għal dik mill-2018). Fl-2018, il-*Bundesrat* Ġermaniż u l-*Eerste Kamer* Olandiż kienu diġà ħarġu opinjoni waħda dwar COM(2018) 236.

[63] Il-Poslanecká sněmovna u s-Senát Ċeki, l-Országgyűlés tal-Ungerija, is-Sejm u s-Senat Pollakki, in-Národná rada tas-Slovakkja.

Kummissjonijiet. B'kollox, huma wettqu 915-il żjara matul il-mandat tal-Kummissjoni Juncker. Dan l-impenn mill-qrib mal-Parlamenti nazzjonali għandu jkompli hekk kif il-President von der Leyen talbet li kull Kummissarju jżur l-Istati Membri kollha fl-ewwel sentejn tal-mandat u jiltaqa' regolarment mal-Parlamenti nazzjonali.

Il-Kap Negozjatur tal-UE għal Brexit, Michel Barnier, iltaqa' wkoll ma' 13-il Parlament nazzjonali fl-2019, kemm fil-kuntest taż-żjarat tiegħu fil-kapitali tal-UE27 kif ukoll matul il-laqgħa li saret fi Brussell, biex jinfurmahom dwar in-negozjati mar-Renju Unit. Dawn il-kuntatti se jiġu segwiti u intensifikati fil-kuntest tan-negozjati li għaddejjin dwar ir-relazzjoni futura bejn l-UE u r-Renju Unit.

Matul l-2019, l-uffiċjali tal-Kummissjoni, l-aktar f'livell għoli, attendew aktar minn 40 laqgħa tal-kumitati tal-Parlamenti nazzjonali biex jiddiskutu proposti leġiżlattivi fuq livell aktar tekniku. L-uffiċjali tal-Kummissjoni taw ukoll 13-il preżentazzjoni lir-rappreżentanti tal-Parlamenti nazzjonali fi Brussell dwar suġġetti bħal regolamentazzjoni aħjar, tfassil aktar effiċjenti tal-liġijiet dwar it-tassazzjoni u l-politika soċjali, leġiżlazzjoni dwar it-tħejjija għall-Brexit u l-Ftehim Kummerċjali bejn l-UE u l-Mercosur. Barra minn hekk, ir-rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri baqgħu f'kuntatt frekwenti mal-Parlamenti nazzjonali, b'mod partikolari dwar il-proċess tas-Semestru Ewropew u dwar kwistjonijiet ekonomiċi oħrajn.

Żjarat fil-Parlamenti nazzjonali u laqgħat magħhom minn Membri tal-Kummissjoni fl-2019 (total għall-Istati Membri kollha: 55)



Laqgħat u konferenzi interparlamentari

Fl-2019 saru diversi laqgħat u konferenzi interparlamentari importanti[64], inkluż:

- il-Konferenza tal-Kumitati għall-Affarijiet Ewropej tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea (COSAC[65]);
- il-Konferenza tal-Kelliema tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea[66];
- il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea[67];
- il-Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza[68];
- il-Konferenzi Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u għall-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni[69] u
- il-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt tal-Europol[70].

Iż-żewġ laqgħat tal-Presidenti tal-COSAC tal-2019 saru f'Bukarest fl-20 u fil-21 ta' Jannar u f'Ħelsinki fil-21 u fit-22 ta' Lulju. Il-Kummissarju Crețu pparteċipat fil-laqgħa ta' Bukarest. F'termini ta' sustanza, id-delegati eżaminaw il-prijoritajiet tal-Presidenzi Rumeni u Finlandiżi tal-Kunsill, il-koeżjoni u l-konverġenza (f'Bukarest) u l-baġit Ewropew (f'Ħelsinki).

Il-laqgħa plenarja tal-LXI COSAC, li saret f'Bukarest mit-23 sal-25 ta' Ġunju, iddiskutiet il-kisbiet tal-Presidenza Rumena, ir-relazzjonijiet kummerċjali internazzjonali fil-kuntest tal-

---

64 Għal aktar dettalji dwar dawn il-laqgħat, ara r-Rapport tal-Parlament Ewropew dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali:

http://www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/home/annual-reports.html

65 Il-COSAC hija l-uniku forum interparlamentari stabbilit fit-Trattati, fil-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea. Hija ġeneralment tiltaqa' f'żewġ okkażjonijiet (laqgħa tal-Presidenti u laqgħa plenarja) fl-Istat Membru li jkollu l-presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni għandha status ta' osservatur fil-COSAC. L-informazzjoni dwar il-COSAC tinsab fuq:

http://www.ipex.eu/IPEXL-WEB/conference/getconference.do?type=082dbcc564afa0210164b2da9f5102f8

66 Il-Konferenza tal-Kelliema tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea tiġi organizzata kull sena fl-Istat Membru li jkollu l-presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea matul it-tieni nofs tas-sena ta' qabel. Il-laqgħa tal-2019 saret fi Vjenna fit-8 u fid-9 ta' April. Aktar informazzjoni:

https://secure.ipex.eu/IPEXL-WEB/euspeakers/getspeakers.do?id=082dbcc56776849501677a126fd102fa

67 Il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea ġiet organizzata fil-Parlament Ewropew fit-18 u fid-19 ta' Frar 2019. Matul dan l-avveniment ipparteċipaw il-Viċi President Dombrovskis u l-Kummissarji Moscovici, Oettinger u Thyssen. Aktar informazzjoni: http://www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/high-level-conferences/european-parliamentary-week.html

68 Għal din il-konferenza, li saret f'Ħelsinki fit-30 ta' Settembru u fl-1 ta' Ottubru, attenda l-Viċi President Katainen. Fl-ewwel semestru, il-konferenza kienet, bħal fis-snin preċedenti, parti mill-Ġimgħa Parlamentari Ewropea. Aktar informazzjoni:

https://secure.ipex.eu/IPEXL-WEB/conference/getconference.do?id=8a8629a86b273e34016bae266fb84cab

69 Saru żewġ konferenzi, waħda f'Bukarest fis-7 u fit-8 ta' Marzu u waħda f'Ħelsinki mill-4 sas-6 ta' Settembru. Ir-Rappreżentanta Għolja/il-Viċi President Mogherini attendiethom it-tnejn permezz ta' vidjokonferenza. Aktar informazzjoni:

https://secure.ipex.eu/IPEXL-WEB/conference/getconference.do?id=082dbcc568350fdf0168380271d80410 u

https://secure.ipex.eu/IPEXL-WEB/conference/getconference.do?id=8a8629a86b273e34016b6ff76cbb2295

70 Saru żewġ konferenzi, waħda f'Bukarest fl-24 u l-25 ta' Frar u waħda fi Brussell fit-23 u l-24 ta' Settembru. Il-Kummissarju King attenda t-tnejn li huma. Aktar informazzjoni:

https://secure.ipex.eu/IPEXL-WEB/conference/getconference.do?id=082dbcc568350fdf016837feb8770407 u

https://secure.ipex.eu/IPEXL-WEB/conference/getconference.do?id=8a8629a86b273e34016bae32ac2b4cb7

Brexit, iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni bħala fattur xprunatur fit-tfassil mill-ġdid u t-tisħiħ tas-suq uniku, u ekonomija bbażata fuq l-innovazzjoni u t-teknoloġija.

Għal-laqgħa plenarja tal-LXII COSAC, li saret f'Ħelsinki mill-1 sat-3 ta' Diċembru, attendew il-Viċi President Šefčovič u l-Kap Negozjatur tal-UE Barnier, li ddiskutew mad-delegati dwar l-istruttura u l-aġenda politika tal-Kummissjoni l-ġdida, ir-relazzjonijiet tagħha mal-Parlamenti nazzjonali u l-Brexit. Id-delegati ddiskutew ukoll ir-rwol potenzjali tal-Parlamenti nazzjonali fil-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, ir-riżultati tal-Presidenza Finlandiża, il-promozzjoni tal-istat tad-dritt fl-UE, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-istrateġija dwar il-klima għall-Ewropa.

Il-Kummissjoni pprovdiet tweġibiet bil-miktub għall-kontribuzzjonijiet adottati mill-COSAC fiż-żewġ laqgħat plenarji tagħha[71].

6. IR-RWOL TAL-PARLAMENTI REĠJONALI

Il-Parlamenti reġjonali jikkontribwixxu indirettament għar-relazzjonijiet tal-Kummissjoni mal-Parlamenti nazzjonali. Skont il-Protokoll 2 għat-Trattati, meta jitwettaq il-kontroll tas-sussidjarjetà ta' abbozzi ta' atti leġiżlattivi tal-UE bl-għan li jinħarġu opinjonijiet motivati, se tkun ir-responsabbiltà ta' kull wieħed mill-Parlamenti nazzjonali li jikkonsulta, fejn xieraq, mal-Parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi[72].

Il-membri tal-Parlamenti reġjonali huma rrappreżentati wkoll fil-Kumitat tar-Reġjuni, li jwettaq ħidma ta' monitoraġġ permezz tan-Netwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà u l-pjattaforma online tiegħu maħsuba biex tappoġġja l-parteċipazzjoni tal-Parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi fil-mekkaniżmu ta' twissija bikrija dwar is-sussidjarjetà (REGPEX)[73].

Għalkemm ma hemm l-ebda dispożizzjoni espliċita fit-Trattati għal interazzjoni diretta bejn il-Kummissjoni u l-Parlamenti reġjonali, xi Parlamenti reġjonali, b'mod partikolari mill-Ġermanja, ippreżentaw riżoluzzjonijiet direttament lill-Kummissjoni, fejn ikkummentaw dwar is-sussidjarjetà (il-*Landtag* tal-Bavarja), il-futur tal-Ewropa (il-*Landtag* ta' Baden-Württemberg) u dwar aspetti ta' politika ta' bosta proposti tal-Kummissjoni. B'hekk, il-Parlamenti reġjonali ssottolinjaw l-interess tagħhom f'li jesprimu l-kontribut tagħhom fit-tfassil tal-politika Ewropea direttament. Fl-2019, il-Kunsill Parlamentari Reġjonali tar-Reġjun il-Kbir[74] ippreżenta r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar il-politika ta' koeżjoni, l-iżvilupp tal-passaġġi fuq l-ilma tal-Moselle, il-kwistjonijiet tal-impjiegi transfruntiera, l-ekonomija ċirkolari, it-trasport ferrovjarju, il-promozzjoni tal-multilingwiżmu u l-qorti ċivili diġitali. Il-Kummissjoni wieġbet fis-sustanza għar-riżoluzzjonijiet kollha li rċeviet mill-Parlamenti reġjonali jew minn organizzazzjonijiet tal-Parlamenti reġjonali.

---

[71] Ippubblikati ma' dokumenti oħrajn tal-COSAC fuq: https://secure.ipex.eu/IPEXL-WEB/conference/getconference.do?id=082dbcc5677baaf301677f58eea00469 u https://secure.ipex.eu/IPEXL-WEB/conference/getconference.do?id=8a8629a86bc08c43016bd61f04da09fb

[72] L-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, tal-Protokoll Nru. 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

[73] http://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/regpex/Pages/default.aspx. Għal aktar dettalji dwar l-attività relatata mal-kontroll tas-sussidjarjetà tal-Kumitat tar-Reġjuni, ara t-Taqsima 2.4.

[74] Magħmul minn Parlamentari mis-Saarland, mir-Rhineland Palatinate (il-Ġermanja), mil-Lussemburgu, mill-Grand-Est (Franza), mill-Wallonja u mill-Parlamenti tal-Komunità li jitkellmu bil-Ġermaniż (il-Belġju).

Min-naħa tiegħu, il-Parlament Fjamming bagħat opinjoni lill-Kummissjoni permezz tal-Parlament Federali Belġjan, dwar l-istrateġija ta' wara l-Brexit tal-UE[75].

Il-Kummissarju Crețu u l-Kap Negozjatur tal-UE Barnier ipparteċipaw fit-tmien Summit Ewropew tar-Reġjuni u l-Bliet, li ġie organizzat f'Bukarest fl-14 u fil-15 ta' Marzu 2019 mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni. Huma kellhom skambju mal-President tal-Konferenza tal-Assembleji Leġislattivi Reġjonali tal-Unjoni Ewropea (CALRE), Donatella Porzi, dwar kwistjonijiet ta' politika reġjonali u dwar l-impatt tal-Brexit.

Fl-2019, il-President Juncker għamel diskorsi quddiem il-Parlamenti reġjonali ta' *Baden-Württemberg, Saarland* u *Thüringen* (il-Ġermanja). Huwa pparteċipa wkoll fil-Konferenza Ewropea tal-Parlamenti reġjonali li jitkellmu bil-Ġermaniż, li ġiet organizzata flimkien mal-Parlament Awstrijak, mal-Parlament tas-Sud-Tirol Taljan u mal-Parlament Belġjan tal-komunità li titkellem bil-Ġermaniż.

7. KONKLUŻJONI

L-2019 kienet l-ewwel sena mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, li fih il-Parlamenti nazzjonali ma bagħtu l-ebda opinjoni motivata lill-Kummissjoni. Mit-tipi l-oħrajn ta' opinjonijiet mibgħuta mill-Parlamenti nazzjonali, 75 % kienu jikkonċernaw inizjattivi mhux leġiżlattivi tal-Kummissjoni jew kienu opinjonijiet fuq inizjattiva proprja. Dan juri b'mod ċar l-interess li għandhom il-Parlamenti nazzjonali biex jipprovdu kontribut politiku li jħares 'il quddiem lill-Kummissjoni kmieni fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Il-Kummissjoni għamlet sforzi sinifikanti biex issegwi r-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u dwar li "Isir inqas b'mod aktar effiċjenti", b'mod partikolari bħala parti mill-ħidma tagħha fuq regolamentazzjoni aħjar, li għandha l-għan li tħejji u tiġġustifika aħjar il-leġiżlazzjoni tal-UE u tiżgura li din issegwi l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Hija għenet ukoll lill-Parlamenti nazzjonali jaqdu r-rwol tagħhom b'mod aktar effettiv billi eskludiet il-perjodu tal-Milied/tas-Sena l-Ġdida meta kkalkolat il-perjodu ta' tmien ġimgħat għas-sottomissjoni tal-opinjonijiet motivati u billi pprovdiet tweġibiet aggregati meta għadd sinifikanti ta' Parlamenti nazzjonali esprimew tħassib relatat mas-sussidjarjetà fuq fajl partikolari.

Fl-2019, il-Membri tal-Kummissjoni komplew jinvolvu ruħhom mal-Parlamenti nazzjonali f'dibattiti regolari, li għandhom rwol kruċjali x'jaqdu biex iqarrbu l-UE lejn iċ-ċittadini tagħha.

Il-Kummissjoni l-ġdida ppreseduta minn Ursula von der Leyen ħadet il-kariga tagħha fl-1 ta' Diċembru 2019. Hija ser ittejjeb l-involviment mill-qrib tal-Kummissjoni mal-Parlamenti nazzjonali, permezz ta' żjarat u skambji, hekk kif il-President von der Leyen talbet li kull Kummissarju jżur l-Istati Membri kollha fl-ewwel sentejn tal-mandat u jiltaqa' regolarment mal-Parlamenti nazzjonali. Il-Kummissjoni von der Leyen ser tagħmel ukoll enfasi partikolari fuq il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fil-politika u l-ħidma leġiżlattiva tagħha.

---

75 Il-Kummissjoni rreġistratha bħala Opinjoni tas-*Sénat/Senaat* Belġjan.